MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-4 ta' Awwissu, 2006

Numru 1042/2004

Il-Pulizija
(Spettur Daniel Zammit)

vs

Joseph Attard
Dennis Pace

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputati Joseph Attard u Dennis Pace ta' karta ta' identita' numru 321861(M) u 15678(M), akkuzati talli:

1. fit-22 ta' Ottubru 2004 u fil-gurnata ta' qabel, f'Malta, assocjaw ruhhom ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmlu delitt f'Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija, u li ma kienx delitt taht l-Att

dwar l-Istampa u dan ai termini ta' l-Artikolu 48A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. fit-22 ta' Ottubru 2004, matul il-gurnata, serqu minn gewwa l-lukanda Fortina, Triq ix-Xatt ta' Tigne, Sliema, ammont ta' laham li l-valur tieghu jeccedi l-mitt Lira Maltin (Lm100) izda mhux izjed minn elf lira maltin (Lm1000) u dan ghad-dannu tad-diretturi tal-imsemmija lukanda, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur u bil-persuna u dan ai termini ta' l-Artikoli 261, 267 u 268 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, u fil-granet ta' qabel, xjentement xtraw jew laqghu ghandhom oggetti misruqa li l-valur taghhom jeccedi l-mitt Lira Maltin, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod iehor li jkunu indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-akkuzi dedotti kontra z-zewg imputati huwa ta' assocjazzjoni f'serq u ta' serq aggravat. L-akkuza ta' ricettazzjoni hi moghtija in alternattiva ghal dik ta'serq u mic-cirkostanzi u l-provi mhiex sostenibbli in kwantu l-provi jindikaw is-serq, jekk il-kaz.

Issa fil-kawza in disamina l-prosekuzzjoni sabiex tirnexxi fil-prova koncernanti l-ewwel zewg akkuzi kien jehtiegilha tipprova: dwar l-assocjazzjoni, xi sura ta' azzjoni ppjanata jew mifthema bejn l-imputati fis-serq li huma akkuzati bih; dwar is-serq proprju, li gie kommess u attwat minn gewwa l-lukanda Fortina ta' Triq ix-Xatt ta' Tigne, kif jinghad fic-

citazzjoni. Tali serq li gie kwalifikat bil-valur u l-persuna u li skond il-provi kien jikkonsisti f’zewg kaxxex laham.

Mill-provi m’hemm xejn li juri xi pjan jew ftehim li gie prestabbilit bejn l-imputati u li ppreceda r-reat ta’ serq li bih huma akkuzati l-imputati.

Dwar is-serq, sabiex jissusiti, u kif gja accennat, dan ghandu jirrisulta, minghajr ombra ta’ dubbju, li gie kommess ghad-dannu tal-lukanda. F’dan il-kuntest l-imputati taw versjoni li sostanzjament kienet uniformi u li dwarha kienu wkoll konsistenti. Fi kliem iehor il-prosekuzzjoni kellha l-obbligu li tipprova li l-imputati kienu attwaw is-serqa ta’ zewg kaxxex laham u li l-lukanda kienet effettivament sofriet t-telf ta’ dawn iz-zewg kaxxex. Fil-kuntest tal-prova ta’ dan din il-Qorti mhiex sodisfatta li l-prosekuzzjoni irnexxilha tipprova dan il-fatt. Fil-fehma taghha ma kienx bizzejjed ghall-prosekuzzjoni li tipprova biss il-fatt tat-trasportazzjoni fil-waqt li l-imputat Dennis Pace gie imwaqqaf minn impjegati tal-lukanda jittrasporta z-zewg kaxxex fil-van tieghu waqt li kien hiereg mill-ambjenti tal-kcina tal-lukanda. Il-prova fil-kuntest tal-akkuza kellha tkun li l-lukanda sofriet it-telf ta’ zewg kaxxex laham, fatt, li ma giex pruvat u li invece jsib riskontr pawsibbli, verosimili u probbabli mill-versjoni tal-fatti offruta mill-konvenuti, cioe’ li laham in kwistjoni, kien gie restitwit lill-imputat Pace mill-imputat Attard meta ta’ l-ewwel kien hallih fil-kustodja ta’ Attard. Ftit huwa rilevanti li l-laham ma kienx dak li kien effettivament gie ikkonsenjat inizjalment stante li ma giex pruvat li l-piz kien varja f’xi mizura notevoli. Huwa minnu li l-agir, post facto, tal-imputat Pace, izda mhux wkoll tal-imputat Attard, seta’ ta’ lok ghas-suspett li l-laham ma kellux origini legittima, izda minn imkien gie b’daqstant pruvat li l-laham kien naqas mill-provista li kellha l-lukanda u li konsegwentement hi sofriet telf. L-akkuza f’dan il-kuntest hija specifika ghal serq ta’ laham mill-lukanda.

Taqta’ u tiddecidi ghalhekk li fic-cirkostanzi u stante li l-akkuzi ma gewx pruvati, l-Qorti qeghedha tillibera lill-imputati minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------